MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 885/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) proprio u kif surrogata sija bil-polza ta' assigurazzjoni sija bil-Ligi, fid-drittijiet tal-assigurat taghha Rosario Cassar u l-istess Rosario Cassar**

**vs**

**Simon Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' April, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u sitta u hamsin lira Maltija (Lm156.00) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Jannar, 2003 fil-Marsa fejn il-konvenut filwaqt li kien qed isuq il-vettura KAP-829 b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat fil-vettura**

**DAI-647 propjeta` ta' Rosario Cassar u assigurata mas-socjeta` attrici;**
**Mill-imsemmija somma ta' mija u sitta u hamsin lira (Lm156.00) is-somma ta' mija u sittax-il lira Maltija (Lm116.00) tirraprezenta Danni rizarciti mis-socjeta` attrici lill-attur l-iehor Rosario Cassar ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive li biha l-vettura DAI-647 kienet koperta; is-somma ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15.00) tirraprezenta survey fees imhallsa mis-socjeta` attrici; u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) tirraprezenta excess imhallas mill-attur Rosario Cassar.**
**Il-konvenut minkejja li nterpellat baqa' nadempjenti u ma hallasx.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment fil-konfront ta' l-assigurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta ta' Simon Azzopardi prezentata fl-24 ta' Mejju, 2004, fejn intqal :**
**Illi l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident riferit fl-avviz;**
**Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni il-kwantum tad-danni pretizi qed jigi wkoll kontestat.**

**Semgha x-xhieda ta' Rosario Cassar, Ingrid Debattista, Simon Azzopardi, Philip Zammit. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fil-Marsa fit-23 ta' Jannar, 2003, hdejn l-Istamperija tal-Gvern, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAT-647 misjuqa minn Rosario Cassar, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAP-829 misjuqa mill-konvenut.**
**2. L-attur ried jipparkja u kien kwazi waqaf kompletament, kien bl-indicator mixghul. Il-konvenut dahal fuq il-wara tal-attur, aktar lejn in-naha tal-**

**passiggier. L-attur jghid li ra lill-konvenut gej minn warajh qabel ma beda l-manuvra ghall-parkegg.**

**3. Il-konvenut jghid li hu kien miexi normali, u kien fil-karreggjata tieghu. Skond il-konvenut, l-attur ipprova jghaddi minn quddiemu, u kien gej bis-sahha. Il-konvenut jallega li l-attur kien mghaggel ghax kellu jkun fuq ix-xoghol f'certu hin. Il-konvenut jallega li l-attur bidel fanal li ma kienx imkisser, u qal li l-ghafsa fil-vettura tal-attur kienet zghira ferm.**

**4. Fil-fehma tat-Tribunal jirrizulta pruvat li l-konvenut kien qieghed miexi wara l-attur, u ghalhekk kien jispetta lilu li juza l-massima diligenza. Ma giex pruvat li l-attur qasam quddiem il-konvenut kif qed jallega l-istess konvenut. Li kieku l-kaz kien hekk, id-danni kienu jkunu aktar lejn il-mudguard milli fuq il-wara tal-vettura tal-attur. Ir-ritratti Dok.PA1 u PA2, jindikaw illi l-konvenut hadu bil-kantuniera ta' quddiem tax-xellug fuq il-genb ta' wara tal-vettura tal-attur, u dana peress li l-konvenut kien gja beda diehel fil-parkegg u ghalhekk kien miksur. Tenut kont ta' dan huwa l-konvenut li ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident.**

**5. Bhala danni s-surveyor Philip Zammit ikkonferma s-survey Dok.JD1, pero jghid li d-danni jammontaw ghall-mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm110.67) u sbatax-il lira u hamsin centezmu survey fees. B'kollox total ta' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm128.17). Huwa dana l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Middlesea Insurance p.l.c. is-somma ta' mija u tlett liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm103.17), u lill-attur Rosario Cassar is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 tal-**

**Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------